MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 593/2009

Where’s Everybody Limited (C40004).

Vs

Frank Cachia (Id. 415770M) ezercenti l-kummerc f’isem AG Ventures.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ elf, u erba u ghoxrin ewro u tnejn u disghin centezmu (€1,024.92) minghand il-konvenut, rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ reklami mxandra waqt il-programm ‘Xarabank’ fuq l-istazzjon televiziv pubbliku TVM, u minkejja li gie interpellat diversi drabi biex ihallas, huwa baqa inadempjenti. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 ta’ April 2009 (1942/09) u bl-imghax legali mid-data tal-fattura mahruga fl-10 ta’ Jannar 2003 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, u erba u ghoxrin ewro u tnejn u disghin centezmu (€1,024.92), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------